



Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2023/0373(COD)

12.12.2023

EMENDI

1 - 20

Abbozz ta' opinjoni

Maria Spyraki

Il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik biex jitnaqqas it-tniġġis mill-mikroplastik

Proposta għal regolament

(COM(2023)0645 – C9-0378/2023 – 2023/0373(COD))

AM_Com_LegOpinion

Emenda 1

Ivars Ijabs, Martina Dlabajová

Proposta għal regolament

Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni

(32) L-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fil-katina tal-provvista tal-pellets **jenħtieġ li jikkonformaw mal-obbligi** rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament, **madankollu jistgħu jiffacċċaw kostijiet u diffikultajiet proporzjonalment ogħla meta jikkonformaw ma' xi wħud mill-obbligi. Il-Kummissjoni jenħtieġ li żżid is-sensibilizzazzjoni fost l-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi dwar il-ħtieġa li jiġi evitat it-telf tal-pellets. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżviluppa materjali ta' taħrif sabiex tgħinhom jissodisfaw l-obbligi tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovd u aċċess għall-informazzjoni u l-assistenza rigward il-konformità mal-obbligi u r-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju. Fir-rigward tal-assistenza tal-Istati Membri, din tista' tinkludi appoġġ tekniku u finanzjarju, kif ukoll taħrif speċjalizzat lill-SMEs. Jenħtieġ li jittieħdu azzjonijiet mill-Istati Membri fir-rigward tar-regoli applikabbli dwar l-ghajjnuna mill-Istat.**

Emenda

(32) L-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fil-katina tal-provvista tal-pellets **għandhom jiġu eżentati mill-obbligi** rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 2

Miapetra Kumpula-Natri, Laura Ballarín Cereza, Andris Ameriks

Proposta għal regolament

Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni

(32) L-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fil-katina tal-provvista tal-

Emenda

(32) **Peress li** l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs) **għandhom sehem**

pellets jenhtieг li jikkonformaw mal-obbligi rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament, ***madankollu jistgħu jiffacċċaw kostijiet u diffikultajiet proporzjonalment oħħla meta jikkonformaw ma' xi wħud mill-obbligi***. Il-Kummissjoni jenhtieг li ***żżid is-sensibilizzazzjoni*** fost l-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi dwar il-ħtieġa li jiġi evitat it-telf tal-pellets. Barra minn hekk, jenhtieг li l-Kummissjoni ***tiżviluppa*** materjali ta' taħriġ sabiex tgħinhom jissodisfaw l-obbligi tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju. L-Istati Membri jenhtieг li jipprovdu aċċess għall-informazzjoni u l-assistenza rigward il-konformità mal-obbligi u r-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju. Fir-rigward tal-assistenza tal-Istati Membri, din tista' tinkludi appoġġ tekniku u finanzjarju, kif ukoll taħriġ speċjalizzat ***lill-SMEs***. Jenhtieг li jittieħdu azzjonijiet mill-Istati Membri fir-rigward tar-regoli applikabbi dwar l-ghajjnuna mill-Istat.

importanti fil-katina tal-provvista tal-pellets, jenhtieг li jikkonformaw mal-obbligi rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament, ***filwaqt li jitqiesu l-isfidi differenti possibbli fil-konformità u l-kostijiet possibbli proporzjonalment oħħla***. Il-Kummissjoni ***u l-awtoritajiet kompetenti*** jenhtieг li ***jżidu sensibilizzazzjoni*** fost l-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi dwar il-ħtieġa li jiġi evitat it-telf tal-pellets. Barra minn hekk, jenhtieг li l-Kummissjoni ***u l-awtoritajiet kompetenti jiżviluppaw*** materjali ta' taħriġ sabiex tgħinhom jissodisfaw l-obbligi tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju. L-Istati Membri jenhtieг li jipprovdu aċċess għall-informazzjoni u l-assistenza rigward il-konformità mal-obbligi u r-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju. Fir-rigward tal-assistenza tal-Istati Membri, din tista' tinkludi appoġġ tekniku u finanzjarju, kif ukoll taħriġ speċjalizzat ***lill-personal kollu li jidher im-*** ***l-pellets fl-SMEs***. Jenhtieг li jittieħdu azzjonijiet mill-Istati Membri fir-rigward tar-regoli applikabbi dwar l-ghajjnuna mill-Istat.

Or. en

Emenda 3
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni

(32) L-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fil-katina tal-provvista tal-pellets jenhtieг li jikkonformaw mal-obbligi rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament, ***madankollu jistgħu jiffacċċaw kostijiet u diffikultajiet proporzjonalment oħħla meta jikkonformaw ma' xi wħud mill-obbligi***. Il-Kummissjoni jenhtieг li

Emenda

(32) ***Peress li*** l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs) ***għandhom sehem importanti*** fil-katina tal-provvista tal-pellets, jenhtieг li jikkonformaw mal-obbligi rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni jenhtieг li ***żżid is-sensibilizzazzjoni*** fost l-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi dwar il-ħtieġa li

żżid is-sensibilizzazzjoni fost l-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi dwar il-ħtieġa li jiġi evitat it-telf tal-pellets. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżviluppa materjali ta' taħriġ *sabiex tgħinhom* jissodisfaw l-obbligi tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu aċċess għall-informazzjoni u l-assistenza rigward il-konformità mal-obbligi u r-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju. Fir-rigward tal-assistenza tal-Istati Membri, din tista' tinkludi appoġġ tekniku u *finanzjarju*, kif ukoll *taħriġ speċjalizzat lill-SMEs*. Jenħtieġ li jittieħdu azzjonijiet mill-Istati Membri fir-rigward tar-regoli applikabbli dwar l-ghajjnuna mill-Istat.

jiġi evitat it-telf tal-pellets, *filwaqt li titqies ir-Rakkomandazzjoni mhux vinkolanti adottata mill-partijiet għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal (OSPAR)*. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżviluppa materjali ta' taħriġ, *f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, biex tgħin lill-operaturi ekonomiċi u lit-trasportaturi* jissodisfaw l-obbligi tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu aċċess għall-informazzjoni u l-assistenza rigward il-konformità mal-obbligi u r-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju. Fir-rigward tal-assistenza tal-Istati Membri, din tista' tinkludi appoġġ tekniku u *taħriġ speċjalizzat lill-SMEs*, kif ukoll *appoġġ finanzjarju u aċċess għall-finanzjament għall-intrapriżi mikro u żgħar*. Jenħtieġ li jittieħdu azzjonijiet mill-Istati Membri fir-rigward tar-regoli applikabbli dwar l-ghajjnuna mill-Istat.

Or. en

Emenda 4 Maria Spyros

Proposta għal regolament Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni

(32) L-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs) *fil-katina* tal-provvista tal-pellets jenħtieġ li jikkonformaw mal-obbligi rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament, *madankollu jistgħu jiffacċċaw kostijiet u diffikultajiet proporzjonalment oħħla meta jikkonformaw ma' xi wħud mill-obbligi*. Il-Kummissjoni jenħtieġ li żżid is-sensibilizzazzjoni fost l-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi dwar il-ħtieġa li jiġi evitat it-telf tal-pellets. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżviluppa materjali ta' taħriġ sabiex tgħinhom jissodisfaw l-obbligi tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti tal-

Emenda

(32) *Peress li* l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs) *għandhom sehem importanti tal-katina* tal-provvista tal-pellets, jenħtieġ li jikkonformaw mal-obbligi rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni jenħtieġ li żżid is-sensibilizzazzjoni fost l-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi dwar il-ħtieġa li jiġi evitat it-telf tal-pellets. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżviluppa materjali ta' taħriġ sabiex tgħinhom jissodisfaw l-obbligi tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti tal-

jissodisfaw l-obbligi tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu aċċess għall-informazzjoni u l-assistenza rigward il-konformità mal-obbligi u r-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju. Fir-rigward tal-assistenza tal-Istati Membri, din tista' tinkludi appoġġ tekniku u finanzjarju, kif ukoll taħriġ speċjalizzat lill-SMEs. Jenħtieġ li jittieħdu azzjonijiet mill-Istati Membri fir-rigward tar-regoli applikabbi dwar l-ghajjnuna mill-Istat.

valutazzjoni tar-riskju. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu aċċess għall-informazzjoni u l-assistenza rigward il-konformità mal-obbligi u r-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju. Fir-rigward tal-assistenza tal-Istati Membri, din tista' tinkludi appoġġ tekniku u finanzjarju, kif ukoll taħriġ speċjalizzat lill-SMEs. Jenħtieġ li jittieħdu azzjonijiet mill-Istati Membri fir-rigward tar-regoli applikabbi dwar l-ghajjnuna mill-Istat.

Or. en

Emenda 5 Maria Spyraki

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa materjal ta' sensibilizzazzjoni u ta' taħriġ dwar l-implementazzjoni tajba tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament f'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-operatori ekonomiċi, tat-trasportaturi, u taċ-ċertifikaturi, inklużi l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, u f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti.

Emenda

1. **Sa 6 xħur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament,** il-Kummissjoni għandha tiżviluppa materjal ta' sensibilizzazzjoni u ta' taħriġ dwar l-implementazzjoni tajba tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament. **Dan għandu jsir billi titqies ir-Rakkomandazzjoni mhux vinkolanti adottata mill-partijiet għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal (OSPAR),** f'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-operatori ekonomiċi, tat-trasportaturi, u taċ-ċertifikaturi, inklużi l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, u f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti. **Fondi għat-taħriġ vokazzjonali sejkunu disponibbi biex jiġi żviluppat materjal ta' taħriġ f'forma ta' dokumenti gwida, materjal għall-korsijiet u podcasts li jippermettu li jintla ħaq is-settur kollu fil-mira f'kull lingwa tal-Istati Membri.**

Or. en

Emenda 6

Miapetra Kumpula-Natri, Laura Ballarín Cereza, Andris Ameriks

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni **għandha tiżviluppa** materjal ta' sensibilizzazzjoni u ta' taħriġ dwar l-implementazzjoni tajba tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament f'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-operaturi ekonomiċi, tat-trasportaturi, u taċ-ċertifikaturi, inklużi l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, **u f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti.**

Emenda

1. **Sa 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament,** il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti **għandhom jiżviluppaw** materjal ta' sensibilizzazzjoni u ta' taħriġ dwar l-implementazzjoni tajba tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament. **Dan għandu jsir abbażi tar-Rakkomandazzjoni mhux vinkolanti adottata mill-partijiet għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal (OSPAR),** f'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-operaturi ekonomiċi, tat-trasportaturi, u taċ-ċertifikaturi, inklużi l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, **is-sħab soċjali, ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi.**

Or. en

Emenda 7

Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa materjal ta' sensibilizzazzjoni u ta' taħriġ dwar l-implementazzjoni tajba tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament f'konsultazzjoni **mar-rappreżentanti** tal-operaturi ekonomiċi, tat-trasportaturi, u taċ-ċertifikaturi, inklużi l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, **u f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti.**

Emenda

1. **Fi żmien 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament,** il-Kummissjoni għandha tiżviluppa materjal ta' sensibilizzazzjoni u ta' taħriġ dwar l-implementazzjoni tajba tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament, **filwaqt li titqies ir-Rakkomandazzjoni mhux vinkolanti adottata mill-partijiet għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-**

*Atlantiku tal-Grigal (OSPAR). Dan
għandu jsir f'konsultazzjoni mal-partijiet
ikkonċernati rilevanti, inklużi r-
rappreżentanti tal-operaturi ekonomiċi,
tat-trasportaturi, u taċ-ċertifikaturi, inklużi
l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju,
kif ukoll l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà
ċivili, u f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet
kompetenti.*

Or. en

Emenda 8
Maria Spyraki

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi, speċjalment l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, jiksbu aċċess għall-informazzjoni u l-assistenza fir-rigward tal-konformità ma' dan ir-Regolament.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi, speċjalment l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, jiksbu aċċess għall-informazzjoni u l-assistenza fir-rigward tal-konformità ma' dan ir-Regolament, *inkluża l-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' taħriġ wiċċi imbi wiċċi.*

Or. en

Emenda 9
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi, *speċjalment l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju,* jiksbu aċċess għall-informazzjoni u l-assistenza fir-rigward tal-konformità ma' dan ir-Regolament.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi jiksbu aċċess għall-informazzjoni u l-assistenza fir-rigward tal-konformità ma' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 10

Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – parti introduttora

Test propost mill-Kummissjoni

Mingħajr preġudizzju għar-regoli
applikabbli dwar l-ghajjnuna mill-Istat, l-
assistenza msemmija fl-ewwel
subparagrafu tista' tieħu l-forma ta':

Emenda

Mingħajr preġudizzju għar-regoli
applikabbli dwar l-ghajjnuna mill-Istat, l-
assistenza msemmija fl-ewwel
subparagrafu ***għall-intrapriżi mikro u***
żgħar tista' tieħu l-forma ta':

Or. en

Emenda 11

Maria Spyraki

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – parti introduttora

Test propost mill-Kummissjoni

Mingħajr preġudizzju għar-regoli
applikabbli dwar l-ghajjnuna mill-Istat, l-
assistenza msemmija fl-ewwel
subparagrafu tista' tieħu l-forma ta':

Emenda

Mingħajr preġudizzju għar-regoli
applikabbli dwar l-ghajjnuna mill-Istat, l-
assistenza msemmija fl-ewwel, ***fit-tieni u***
fit-tielet subparagrafu tista' tieħu l-forma
ta':

Or. en

Emenda 12

Maria Spyraki

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) appoġġ finanzjarju;

Emenda

(a) appoġġ finanzjarju ***inkluż l-użu ta'***

forom differenti ta' fondi tal-UE;

Or. en

Emenda 13

Miapetra Kumpula-Natri, Laura Ballarín Cereza, Andris Ameriks

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagraphu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) appoġġ finanzjarju;

(a) appoġġ finanzjarju, *inkluż permezz ta' inċentivi fiskali*;

Or. en

Emenda 14

**Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE**

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagraphu 2a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għall-intrapriżi ta' daqs medju, l-assistenza tista' tieħu l-forma tal-punt (c) u (d) ta' dan l-artikolu.

Or. en

Emenda 15

Maria Spyraki

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. L-aċċess għall-akkwist tat-tagħmir meħtieġ għandu jiġi ffaċilitat.

Or. en

Emenda 16

Miapetra Kumpula-Natri, Laura Ballarín Cereza, Andris Ameriks

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propos mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu programmi ta' taħriġ għall-kwalifika tal-persunal taċ-ċertifikaturi.

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu ***bil-qawwa*** programmi ta' taħriġ għall-kwalifika tal-persunal taċ-ċertifikaturi.

Or. en

Emenda 17

Ivars Ijabs, Martina Dlabajová

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

3a. *L-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fil-katina tal-provvista tal-pellets għandhom jiġu eżentati mill-obbligi rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament.*

Or. en

Emenda 18

Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu **19** *li* temenda l-Annessi I sa IV, sabiex tqis il-progress tekniku u l-iżviluppi xjentifiċi.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu **18** *biex* temenda l-Annessi I sa IV, sabiex tqis il-progress tekniku u l-iżviluppi xjentifiċi.

Or. en

Emenda 19

Kira Marie Peter-Hansen

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) *il-ħtiġijiet* speċifiċi tal-intrapriżi mikro, żgħar u **medji**.

Emenda

(d) *ir-restrizzjonijiet strutturali* speċifiċi tal-intrapriżi mikro, żgħar u **ta' daqs medju**.

Or. en

Emenda 20

Ivars Ijabs, Martina Dlabajová

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) *il-ħtiġijiet speċifiċi tal-intrapriżi* mikro, żgħar u **medji**.

Emenda

(d) *l-eżenzjonijiet mogħtija lill-intrapriżi* mikro, żgħar u **ta' daqs medju**.

Or. en